# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

15 ta' April 2010 *

Fil-Kawżi magħquda C-538/08 u C-33/09,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) (C-538/08) u mill-Gerechtshof Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) (C-33/09), permezz tad-deċiżjonijiet, rispettivament, tal-14 ta' Novembru 2008 u tal-20 ta' Jannar 2009, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Diċembru 2008 u fis-26 ta' Jannar 2009, fil-proċeduri

**X Holding BV**

vs

**Staatssecretaris van Financiën** (C-538/08),

u

**Oracle Nederland BV**

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

vs

**Inspecteur van de Belastingdienst Utrecht-Gooi** (C-33/09),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta (Relatur), E. Juhász, T. von Danwitz u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Diċembru 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Oracle Nederland BV, minn H. Hop, avukat, u minn P. Schrijver, belastingadviseur,

— għall-Gvern Olandiż, minn C.M. Wissels u M. de Mol kif ukoll minn Y. de Vries, bħala aġenti,

— għall-Gvern Elleniku, minn O. Patsopoulou, S. Trekli u V. Karra kif ukoll minn G. Konstantinos, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Triantafyllou u W. Roels, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2010,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(4) tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Struttura u modalitajiet għall-applikazzjoni ta' sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 1967, 71, p. 1303, iktar 'il quddiem, it-"Tieni Direttiva") kif ukoll l-Artikoli 6(2) u 17(2) u (6) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, iktar 'il quddiem, is-"Sitt Direttiva").

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' żewġ kawżi bejn, minn naħa, X Holding BV (iktar 'il quddiem "X Holding") u s-Staatssecretaris van Financiën (Segretarju tal-Istat għall-Finanzi) u, min-naħa l-oħra, Oracle Nederland BV (iktar 'il quddiem "Oracle") u l-Kummissarju van de Belastingdienst Utrecht-Gooi (Kummissarju tat-Taxxa ta' Utrecht-Gooi, iktar 'il quddiem il-"Kummissarju"), dwar id-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' spejjeż.

**Il-kuntest ġuridiku Komunitarju**

3 L-Artikolu 11(1) tat-Tieni Direttiva kien jistabbilixxi:

"Jekk l-oġġetti u s-servizzi jintużaw għall-bżonnijiet tal-impriża tagħha, il-persuna taxxabbli tista' tnaqqas mit-taxxa li hija għandha tħallas:

a) it-taxxa fuq il-valur miżjud iffatturata lilha għall-oġġetti kkunsinnati lilha u għas-servizzi pprovduti lilha;

[…][traduzzjoni mhux uffiċjali]"

4 Skont il-punt 4 ta' dan l-istess artikolu:

"Mis-sistema tat-tnaqqis jistgħu jiġu esklużi ċerti oġġetti u servizzi, b'mod partikolari dawk li jistgħu jkunu esklużivament jew parzjalment użati għall-bżonnijiet privati tal-persuna taxxabbli jew tal-persunal tagħha. [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

5 L-Artikolu 2 tas-Sitt Direttiva jistabbilixxi:

"Dawn li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud:

1. il-provvista ta' oġġetti u servizzi magħmula bi ħlas fit-territorju tal-pajjiż minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;

[…]"

6 L-Artikolu 6(2) jipprovdi għal dan li ġej:

"Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala provvisti ta' servizzi bi ħlas:

a) l-użu ta' oġġetti li jiffurmaw parti mill-assi ta' negozju għall-użu privat ta' persuna taxxabbli jew tal-persunal tiegħu jew b'mod iktar ġenerali għal skopijiet oħra barra dawk tan-negozzju tiegħu fejn it-taxxa fuq il-valur miżjud fuq dawn l-oġġetti hija deduċibbli kollha jew parti minnha;

b) il-provvista ta' servizzi magħmula mingħajr ħlas minn persuna taxxabbli għall-użu privat tagħha jew għall-persunal tagħha jew b'mod iktar ġenerali għal skopijiet barra dawk tan-negozju tiegħu.

Stati Membri jistgħu jidderogaw mid-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, iżda li din id-deroga ma twassalx għal distorzjoni tal-kompetizzjoni."

7 Skont l-Artikolu 17(2) u (6) tas-Sitt Direttiva:

"2. Sa kemm l-oġġetti u s-servizzi huma użati għall-iskopijiet fuq it-transazzjoni taxxabbli tiegħu, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata biex tnaqqas mit-taxxa li hi responsabbli biex tħallas:

a) taxxa fuq il-valur miżjud dovuta jew mħallsa fir-rigard ta' oġġetti jew servizzi pprovduti jew li għandhom ikunu pprovduti lilu minn persuna taxxabbli oħra;

[…]

6. Qabel perjodu ta' erba' snin ta' l-inqas ikunu għaddew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kunsill, jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi liema nefqa m'għandiex tkun eleġġibli għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud. It-taxxa fuq il-valur miżjud fl-ebda ċirkostanza m'għandha tkun imnaqqsa fuq spejjeż li mhux strettament nefqa tan-negozju, bħal dik fuq il-lussu, pjaċiri jew divertiment.

Sa kemm ir-regoli ta' fuq jidħlu fis-seħħ, Stati Membri jistgħu iżommu l-esklużjonijiet kollha pprovduti taħt il-liġijiet nazzjonali meta din id-Direttiva tidħol fis-seħħ"

**Il-kuntest ġuridiku nazzjonali**

8 L-Artikolu 2 tal-Liġi tal-1968 dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ (Wet op de omzetbelasting 1968, iktar 'il quddiem il-"liġi tal-VAT") jipprovdi s-segwenti:

"Mit-taxxa dovuta fuq il-provvista ta' oġġetti u servizzi għandha titnaqqas it-taxxa dovuta fuq il-provvista ta' oġġetti u servizzi li jingħataw lill-imprenditur, fuq l-akkwisti intrakomunitarji ta' oġġetti li huwa jagħmel u fuq l-importazzjoni ta' oġġetti intiżi għalih."

9 L-Artikolu 15(1) tal-imsemmija liġi jipprovdi s-segwenti:

"1. It-taxxa msemmija fl-Artikolu 2 li titnaqqas mill-imprenditur tikkorrispondi:

a) għat-taxxa li tkun ġiet ikkalkolata fuq fattura stabbilita skont ir-regoli fis-seħħ minn imprendituri oħra, matul il-perijodu tad-dikjarazzjoni, fir-rigward ta' provvisti ta' oġġetti u servizzi mogħtija lill-imprenditur;

[…]"

10 L-Artikolu 16(1) tal-istess liġi jipprovdi:

"It-tnaqqis msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1), jista' f'ċerti każijiet, jiġi eskluż kollu jew parti minnu permezz ta' digriet irjali sabiex jiġi evitat li oġġetti u servizzi marbutin ma' spejjeż ta' lussu, mal-bżonnijiet tal-persuni li mhumiex imprendituri jew [...] ikunu eżenti mit-taxxa kollha jew parti minnha."

11 L-Artikolu 1 tad-Digriet tal-1968 dwar l-esklużjoni tad-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa fuq dħul mill-bejgħ (Besluit uitsluiting aftrek omzetbelasting 1968, iktar 'il quddiem id-"digriet tal-VAT"), fil-verżjoni li kien fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1969 sal-31 ta' Ottubru 1979, kien jipprovdi s-segwenti:

"1. It-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 15(1) tal-[liġi tal-VAT] ma huwiex awtorizzat fil-każijiet u sa fejn l-oġġetti u s-servizzi huma użati bil-għan li jingħataw:

[...]

b) rigali ta' negozju jew biex jingħataw rigali oħra lil persuni li, għalkemm kienu obbligati jħallsu t-taxxa fuq il-valur miżjud korrispondenti, ma jistgħux inaqqsu l-istess taxxa kollha, jew tal-inqas, parti sostanzjali minnha;

c) lill-persunal tal-imprenditur, ikel u xorb, akkomodazzjoni, ħlas b'oġġetti, il-possibbiltà li jieħu sehem fl-attivitajiet sportivi u ta' rikreazzjoni jew mezz ta' trasport individwali, jew bil-għan ta' xi użu privat ieħor ta' dan il-persunal.

2. 'Rigali ta' negozju' jew 'rigali oħra' jfissru l-provvisti kollha pprovduti mill-imprenditur fil-kuntest tar-relazzjonijiet ta' kummerċ tiegħu jew bħala rigal lill-oħrajn,

mingħajr remunerazzjoni jew għal remunerazzjoni inqas mill-ispiża tal-akkwist jew tal-produzzjoni, jew, fil-każ ta' servizzi, għall-prezz kost tagħhom, mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud."

12 L-Artikolu 2 tal-imsemmi digriet kien jipprovdi:

"Jekk l-imprenditur ikun ħareġ fattura għal ħlas fir-rigward ta' provvista bħal dik prevista fl-Artikolu 1(b) jew (c) u għalhekk tkun dovuta taxxa fuq il-valur miżjud, it-tnaqqis huwa awtorizzat proporzjonalment għall-ammont ta' taxxa dovut fuq dik il-provvista."

13 L-Artikolu 3 tal-istess digriet kien jipprovdi:

"Jekk it-total tal-ispiża tal-akkwist jew tal-produzzjoni jew tal-prezz kost, mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud, tal-provvisti kollha, kif previsti fl-Artikolu 1(b) jew (c), ipprovduti mill-imprenditur matul is-sena finanzjarja lill-istess persuna ma jaqbiżx il-250 fjorin [Olandiż], il-provvisti inkwistjoni jibqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-digriet."

14 B'effett mill-1 ta' Jannar 1980, id-digriet tal-VAT ġie emendat sabiex jintroduċi sistema partikolari għall-provvista ta' ikel u ta' xorb, filwaqt li d-dispożizzjonijiet l-oħra tal-istess digriet baqgħu l-istess.

15 Għaldaqstant, mill-1 ta' Jannar 1980, il-provvista ta' ikel u ta' xorb ġiet eskluża mill-Artikolu 1(1)(c) tad-digriet tal-VAT. Iddaħħal Artikolu 3 ġdid li jipprevedi l-esklużjoni ta' tnaqqis tal-VAT fuq il-provvista ta' ikel u ta' xorb. L-ammont imsemmi fl-Artikolu 3 l-antik, li sar l-Artikolu 4, ta' dan id-digriet żdiet minn 250 NLG għal 500 NLG.

16 L-Artikoli 3 u 4 tad-digriet tal-VAT kienu jipprovdu s-segwenti:

"*Artikolu 3*

1. Jekk l-oġġetti u s-servizzi jintużaw mill-imprenditur biex joffri lill-persunal tiegħu ikel u xorb u huwa joħroġ fattura għal din il-provvista ta' inqas mill-ammont definit fil-paragrafu 2, it-tnaqqis għandu jiġi eskluż sal-ammont ta' 6 % tad-differenza bejn dan l-ammont u l-ammont iffatturat.

2. L-ammont previst fil-paragrafu 1 jikkorrispondi għall-ispiża tal-akkwist tal-ikel u tax-xorb, mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud, miżjud b'25 %. Jekk l-imprenditur ikun ipproduċa huwa stess l-ikel u x-xorb, minflok l-ispiża tal-akkwist tal-ikel u tax-xorb, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-ispiża tal-akkwist tal-materja prima użata.

*Artikolu 4*

1. Jekk it-total tal-ispiża tal-akkwist jew tal-produzzjoni jew il-prezz kost, mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud, tal-provvisti kollha, kif previsti fl-Artikolu 1(1)(b) jew (c), ipprovduti mill-imprenditur matul sena finanzjarja lill-istess persuna u l-parti

tad-differenza prevista fl-Artikolu 3(1), relatata mal-imsemmija persuna, ma taqbiżx il-500 fjorin [Olandiż], il-provvisti inkwistjoni u dik il-parti tad-differenza ċċitata qabel ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-applikazzjoni ta' dan id-digriet.

2. Għall-kalkolu tat-total previst fl-ewwel paragrafu, id-differenza msemmija fl-Artikolu 3(1) ma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni jekk, għall-provvista ta' ikel u ta' xorb lill-persunal tal-imprenditur, it-tnaqqis ikun ġie eskluż abbażi tal-Artikolu 3."

**Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

*Il-Kawża C-538/08*

17 Matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 1999, X Holding xtrat 34 vettura għall-passiġġieri mingħand l-aġenti tal-karozzi. Hija żammet il-vetturi għal perijodu limitat biex imbagħad reġgħet biegħethom.

18 X Holding naqqset il-VAT kollha li ġiet iffatturata lilha meta akkwistat dawn il-vetturi. Hija naqqset il-VAT fuq kull vettura permezz ta' dikjarazzjoni.

19 Fl-10 ta' Lulju 2001, infetħet investigazzjoni dwar l-eżattezza tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT ippreżentati minn X Holding matul is-snin inkwistjoni. F'rapport tat-13 ta' Novembru 2002, l-ispettorat tal-finanzi kkonkluda li l-parti l-kbira tal-vetturi akkwistati ma kinux ġew użati għall-bżonnijiet tal-impriża u li X Holding kienet għalhekk żbaljata meta talbet id-dritt għat-tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa. Konsegwentement, inħarġet stima tal-VAT li tammonta għal NLG 887 852 (EUR 402 889).

20 X Holding ressqet ilment kontra din id-deċiżjoni. Fil-kuntest tal-eżami mill-ġdid li sar f'dan ir-rigward, l-ispettorat tal-finanzi kkunsidra li kienu ġew akkwistati u użati fil-kuntest tal-impriża għal għanijiet professjonali 4 mill-34 vettura biss. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tnaqqis tal-VAT tal-input mħallsa fir-rigward tal-akkwist ta' dawn l-erba' vetturi ġiet aċċettata. Għaldaqstant, l-ammont tal-VAT li kien is-suġġett ta' stima tnaqqas għal NLG 856 605 (EUR 388 710).

21 X Holding ippreżentat appell minn din l-aħħar deċiżjoni quddiem il-Gerechtshof Amsterdam (il-Qorti tal-Appell ta' Amsterdam). Din tal-aħħar, peress li ddeċidiet li t-30 karozza li huma s-suġġett ta' stima tal-VAT kienu ntużaw għal skopijiet kemm professjonali kif ukoll privati, ċaħdet dan l-appell.

22 Il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), li quddiemha tressaq l-appell fuq punt ta' liġi mis-sentenza tal-Gerechtshof Amsterdam, irrilevat li l-Artikolu 11(4) tat-Tieni Direttiva kien jippermetti lill-Istati Membri li jeskludu mis-sistema tat-tnaqqis ċerti oġġetti u servizzi, b'mod partikolari dawk li jistgħu jiġu użati esklużivament jew parzjalment għall-bżonnijiet privati tal-persuna taxxabbli jew dawk tal-persunal tagħha. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni kienet tippermetti lill-Istati Membri li jeskludu mill-istess sistema ċerti kategoriji ta' karozzi, iżda ma kinitx tippermettilhom jeskludu minn din is-sistema dawn l-oġġetti kollha sa fejn

dawn jintużaw għall-bżonnijiet privati tal-persuna taxxabbli. B'hekk, il-possibbiltà mogħtija kienet tirrigwarda biss l-esklużjonijiet għall-kategoriji ta' spejjeż definiti b'riferiment għan-natura tal-oġġett jew tas-servizz u mhux b'riferiment għal kif jiġu applikati jew għall-modi ta' kif dan isir.

23 Il-Hoge Raad osservat ukoll li l-limitazzjoni fuq it-tnaqqis stabbilita fl-Artikolu 1(1)(c) tad-digriet tal-VAT tikkonċerna wkoll l-oġġetti u s-servizzi użati "għal finijiet privati oħra tal-persunal [tal-imprenditur] u għall-ħlasijiet ta' paga foġġetti". Din il-limitazzjoni ma hijiex suffiċjentement preċiża fit-totalità tagħha u hija wiesa' wisq, inkwantu s-sistema tikkonċerna l-oġġetti kollha użati għal finijiet privati. Madankollu, l-imsemmija dispożizzjoni tiddefinixxi b'mod iktar speċifiku ċerti kategoriji ta' oġġetti u servizzi, b'mod partikolari l-oġġetti u s-servizzi użati biex jiġi offrut mezz ta' trasport individwali lill-persunal tal-imprenditur.

24 F'dan il-kuntest, il-Hoge Raad issospendiet il-proċeduri u għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 11(4) tat-Tieni Direttiva u l-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru, li xtaq jeżerċita l-fakultà [possibbiltà] offruta minn dawn l-artikoli li jeskludi (u jibqa' jeskludi) mit-tnaqqis il-kategoriji ta' spejjeż li jirrispondu għall-espressjoni 'jiġi offrut mezz ta' transport individwali', ikun issodisfa l-kundizzjoni meħtieġa li jistabbilixxi kategorija ta' beni [oġġetti] u [ta'] servizzi suffiċjentement iddefiniti?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija affermattiva, l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 17(2) u (6) tas-Sitt Direttiva jippermettu li dispożizzjoni legali nazzjonali

bħal dik inkwistjoni, adottata qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva u li tipprovdi li persuna taxxabbli ma tistax tnaqqas il-VAT kollha mħallsa fil-mument tal-akkwist ta' ċerti beni [oġġetti] u servizzi li huma utilizzati parzjalment għal għanijiet professjonali u parzjalment għal għanijiet personali, iżda tista' tnaqqasha biss sa kemm il-VAT tkun imputabbli għall-użu għal għanijiet professjonali?"

*Il-Kawża C-33/09*

25 F'Mejju 2005, Oracle pprovdiet, bi ħlas, ikel u xorb lill-persunal tagħha. Barra minn hekk, Oracle akkwistat is-servizzi ta' preżentatur tad-diski għal festin tal-persunal u wettqet eżerċizzju ta' tiftix ta' akkomodazzjoni għal wieħed mill-impjegati tagħha. L-imsemmija kumpannija offriet ukoll, bħala rigal ta' negozju, abbonament għall-golf lil terzi tal-impriża. Barra minn hekk, hija poġġiet għad-dispożizzjoni ta' ċerti impjegati, parzjalment bil-kontribuzzjonijiet tagħhom, karozzi li tagħhom hija kienet il-proprjetriċi jew li kienu b'kirja f'isimha.

26 Fid-dikjarazzjoni tagħha tal-VAT għal Mejju 2005, Oracle identifikat l-ammont ta' VAT ta' EUR 62 127 bħala ammont li ma jistax jitnaqqas, filwaqt li l-ammont totali li kellha tħallas skont din it-taxxa għal dan l-istess xahar kien ta' EUR 9 768 326.

27 L-imsemmi ammont ta' EUR 62 127 kien jirrigwarda l-oġġetti segwenti:

— kiri ta' karozzi

| | |
|---|---|
| — mingħajr il-kontribuzzjoni tal-impjegat | EUR 8 480 |
| — il-kontribuzzjoni tal-impjegat | EUR 41 520 |
| — karozzi | EUR 306 |
| — ċellulari | EUR 6 538 |
| — ikel | EUR 3 977 |
| — divertiment | EUR 850 |
| — akkomodazzjoni | EUR 380 |
| — rigali ta' negozju | EUR 256 |

28 Sussegwentament, Oracle ressqet ilment u sostniet li kellha d-dritt għat-tnaqqis tal-VAT marbuta ma' dawn l-ispejjeż.

29 Il-Kummissarju ċaħad dan l-ilment bħala infondat.

30 Oracle ppreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem ir-Rechtbank te Haarlem (Qorti ta' Haarlem).

31 Din tal-aħħar kienet iddeċidiet li l-Kummissarju kien żbalja meta ma qisx it-tnaqqis tal-VAT input imħallsa fir-rigward tal-ispejjeż għaċ-ċellulari, tal-ispejjeż tas-sensar u tal-ħlasijiet għall-abbonamenti tal-golf għaliex huma ma kinux jikkorrispondu għal-limitazzjonijiet tat-tnaqqis li kien suffiċjentement iddeterminat. Min-naħa l-oħra, din il-qorti qieset li l-kategoriji l-oħra tal-ispejjeż li ma jistgħux jitnaqqsu kienu suffiċjentement iddeterminati u li, għalhekk, il-Kummissajru ġustament kien ċaħad it-tnaqqis tal-VAT input imħallsa għall-imsemmija oġġetti.

32 Kemm Oracle kif ukoll il-Kummissarju ppreżentaw appell minn din is-sentenza quddiem il-Gerechtshof Amsterdam.

33 Quddiem din il-qorti, Oracle, b'mod partikolari, sostniet li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, li jeskludu jew li jirrestrinġu d-dritt għat-tnaqqis tal-VAT fuq l-oġġetti u s-servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali mhumiex konformi mal-Artikoli 11(4) tat-Tieni Direttiva u 6(2) tas-Sitt Direttiva. Min-naħa tiegħu, il-Kummissarju sostna li ċ-ċaħda għat-tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa hija bbażata fuq dispożizzjoni introdotta mill-Pajjiżi l-Baxxi qabel id-dħul fis-seħħ

tas-Sitt Direttiva, skont il-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 17(6) tal-imsemmija direttiva, u li għandha tapplika sa llum.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gerechtshof te Amsterdam issospendiet il-proċeduri u għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

1) L-Artikolu 11(4) tat-Tieni Direttiva u l-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru, li xtaq jeżerċita l-possibbiltà offruta minn dawn l-artikoli li jeskludi (u jibqa' jeskludi) mit-tnaqqis il-kategoriji ta' spejjeż li jidħlu fl-espressjoni:

— "provvista ta' ikel u xorb lill-persunal tal-imprenditur";

— "rigali ta' negozju jew rigali oħra offerti lil persuni li ma jistgħux jibbenefikaw mit-tnaqqis totali jew tal-biċċa l-kbira mit-taxxa li ġiet jew ser tiġi fatturata lilhom";

— "provvista ta' akkomodazzjoni għall-persunal tal-imprenditur",

— "offerta ta' attivitajiet ta' rikreazzjoni għall-persunal tal-imprenditur";

ikun issodisfa l-kundizzjoni meħtieġa li jistabbilixxi kategorija ta' beni [oġġetti] u servizzi suffiċjentement iddefiniti?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija affermattiva għal wieħed minn dawn l-imsemmija kategoriji, l-Artikolu 6(2) kif ukoll l-Artikolu 17(2) u (6) tas-Sitt Direttiva jippermettu li dispożizzjoni legali nazzjonali bħal dik inkwistjoni, adottata qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, tipprovdi li persuna taxxabbli ma tistax tnaqqas il-VAT kollha mħallsa fil-mument tal-akkwist ta' ċerti beni [oġġetti] u servizzi peress li kumpens suġġett għat-taxxa jkun ġie ffatturat għalihom, iżda tista' biss tnaqqasha sal-ammont tat-taxxa imputabbli għal din il-prestazzjoni?

3) Jekk il-kundizzjoni imposta li jsir indikazzjoni tal-oġġetti u tas-servizzi suffiċjentement definiti hija sodisfatta għall-'provvista ta' ikel u xorb", l-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva jipprojbixxi li mal-esklużjoni tat-tnaqqis issir emenda intiża, fil-prinċipju, li tirrestrinġi l-portata, iżda li għaliha ma jistax jiġi eskluż li, f'każ individwali u għal sena finanzjarja speċifika, hija twessa' l-portata tal-imsemmija esklużjoni minħabba n-natura fissa tas-sistema emendata?"

35 B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ġunju 2009, il-Kawżi C-538/08 u C-33/09 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel domanda magħmula f'kull waħda miż-żewġ kawżi*

36 B'dawn id-domandi, il-qrati tar-rinviju essenzjalment jistaqsu jekk l-Artikolu 11(4) tat-Tieni Direttiva u l-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva jippermettux li Stat Membru jeskludi d-dritt għat-tnaqqis tal-VAT input mħallsa għal ċerti oġġetti u servizzi elenkati f'leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tapplika meta s-Sitt Direttiva daħlet fis-seħħ.

37 Sabiex tingħata risposta għal dawn id-domandi, għandu preliminarjament jitfakkar li d-dritt għat-tnaqqis, stabbilit fl-Artikolu 6(2) tas-Sitt Direttiva, jikkostitwixxi, bħala parti integrali mill-mekkaniżmu tal-VAT, prinċipju fundamentali inerenti għas-sistema komuni tal-VAT u, bħala regola, ma jistax jiġi limitat (ara s-sentenzi tal-21 ta' Marzu 2000, Gabalfrisa *et*, C-110/98 sa C-147/98, Ġabra p. I-1577, punti 43, tat-8 ta' Jannar 2002, Metropol u Stadler, C-409/99, Ġabra p. I-81, punt 42, kif ukoll tas-26 ta' Mejju 2005, Kretztechnik, C-465/03, Ġabra p. I-4357, punt 33).

38 Madankollu l-prinċipju tad-dritt għat-tnaqqis ittaffa mid-dispożizzjoni derogatorja li tinsab fl-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva u, b'mod partikolari, fit-tieni subparagrafu ta' dan l-istess paragrafu. L-Istati Membri huma fil-fatt awtorizzati li jżommu l-leġiżlazzjoni tagħhom dwar l-esklużjoni mid-dritt għat-tnaqqis li tkun teżisti fid-data meta s-Sitt Direttiva tidħol fis-seħħ, sakemm il-Kunsill jadotta d-dispożizzjonijiet previsti f'dan l-artikolu (ara s-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2001, Il-Kummissjoni vs Franza, C-345/99, Ġabra p. I-4493, punt 19, kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2008, Danfoss u AstraZeneca, C-371/07, Ġabra p. I-9549, punt 28).

39 Madankollu, peress li l-ebda proposta ppreżentata mill-Kummissjoni lill-Kunsill bis-saħħa tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva ma ġiet adottata minn din tal-aħħar, l-Istati Membri jistgħu jżommu l-leġiżlazzjoni tagħhom dwar l-esklużjoni mid-dritt għat-tnaqqis tal-VAT sakemm il-leġiżlatur Komunitarju jistabbilixxi sistema komuni tal-esklużjonijiet u b'hekk iwettaq l-armonizzazzjoni progressiva tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-VAT. Għalhekk, sa llum id-dritt Komunitarju ma jinkludi l-ebda dispożizjoni li telenka l-ispejjeż li huma eżenti mid-dritt għat-tnaqqis tal-VAT (ara s-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2005, Jyske Finans, C-280/04, Ġabra p. I-10683, punt 23, kif ukoll Danfoss u AstraZeneca, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29).

40 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva jippreżupponi li l-esklużjonijiet li l-Istati Membri jistgħu jżommu skont din id-dispożizzjoni kienu legali bis-saħħa tat-Tieni Direttiva, liema direttiva ġiet qabel is-Sitt Direttiva (ara s-sentenza tal-5 ta' Ottubru Royscot *et*, C-305/97, Ġabra p. I-6671, punt 21).

41 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 11 tat-Tieni Direttiva, li introduċa d-dritt għat-tnaqqis fil-paragrafu 1 tiegħu, jipprevedi fil-paragrafu 4 tiegħu, li l-Istati Membri jistgħu jeskludu mis-sistema tat-tnaqqis ċerti oġġetti u ċerti servizzi, b'mod partikolari dawk li jistgħu jkunu esklużivament jew parzjalment użati għall-bżonnijiet privati tal-persuna taxxabbli jew tal-persunal tiegħu.

42 Din l-aħħar dispożizzjoni ma tatx għaldaqstant lill-Istati Membri setgħa diskrezzjonali assoluta li jeskludu l-oġġetti u s-servizzi kollha jew kważi kollha tas-sistema tad-dritt għat-tnaqqis u li wkoll tneħħi s-sustanza tagħha mis-sistema stabbilita fl-Artikolu 11(1) tat-tieni Direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Royscot *et* , iċċitata iktar 'il fuq, punt 24).

43 Barra minn hekk, u fid-dawl tal-interpretazzjoni stretta li għandha tingħata lit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva, minħabba li din hija dispożizzjoni derogatorja, ma tistax titqies li tippermetti lil Stat Membru li jżomm restrizzjoni tad-dritt għat-tnaqqis tal-VAT li tista' tapplika b'mod ġenerali għal kwalunkwe spiża marbuta max-xiri ta' oġġetti, indipendentement min-natura jew mill-għan tagħhom (ara s-sentenza tat-23 ta' April 2009, PARAT Automotive Cabrio, C-74/08, Ġabra p. I-3459, punt 28).

44 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva tippreżumi li dawn tal-aħħar għandhom jippreċiżaw suffiċjentement in-natura jew l-għan tal-oġġetti jew tas-servizzi li huma esklużi mid-dritt għat-tnaqqis u dan sabiex jiġi ggarantit li din il-possibbiltà ma twassalx għal esklużjonijiet ġenerali minn din is-sistema (ara, f'dan is-sens, is-sentenza PARAT Automotive Cabrio, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29).

45 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi eżaminat jekk il-kategoriji esklużi mid-dritt għat-tnaqqis bħalma huma dawk imsemmija mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali humiex iddefiniti b'mod suffiċjentement preċiż.

46 L-ewwel nett, fir-rigward tal-ispejjeż bħal dawk li huma s-suġġett tal-ewwel domanda fil-Kawża C-538/08, jiġifieri dawk li jaqgħu taħt it-tranżazzjonjiet koperti mill-Artikolu 1(1)(c) tad-digriet tal-VAT, li f'dan il-każ huma oġġetti jew servizzi użati mill-imprenditur bl-għan li jipprovdi "mezz ta' trasport individwali" għall-persunal tiegħu, għandu jiġi osservat li din il-kategorija partikolari ta' tranżazzjonijiet tirrigwarda kemm l-oġġetti u s-servizzi użati sabiex joffru mezz ta' trasport individwali kif ukoll it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' karozza għall-vjaġġi mill-membri tal-persunal tal-persuna taxxabli mid-dar tagħhom sal-post tax-xogħol tagħhom.

47 Fid-dawl tar-rekwiżiti imposti mill-ġurisprudenza marbuta mas-sistema derogatorja stabbilita mill-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva, il-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jitqiesu li huma indikazzjoni suffiċjentement preċiża tan-natura jew tal-għan tal-oġġetti u tas-servizzi li jirrigwardawhom.

48 It-tieni nett, għandu jiġi evalwat jekk spejjeż bħal dawk li huma s-suġġett tal-ewwel domanda fil-Kawża C-33/09 jistgħux ukoll jitqiesu li huma konformi mal-imsemmija rekwiżiti.

49 F'dan il-każ, huma jirrigwardaw il-provvista ta' "ikel" u ta' "xorb" lill-persunal tal-imprenditur, it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' "akkomodazzjoni" għall-persunal, l-għoti, taħt ċerti kundizzjonijiet, ta' "rigali ta' negozju" jew "rigali oħra" kif ukoll il-possibbiltà, għall-imsemmi persunal, li jieħu sehem "fl-attivitajiet sportivi u ta' rikreazzjoni".

50 Fir-rigward tal-kategoriji tal-ispejjeż bħalma huma dawk marbuta mal-provvista ta' ikel u ta' xorb kif ukoll akkomodazzjoni, huma għandhom jitqiesu li huma suffiċjentement iddefiniti fid-dawl tar-rekwiżiti imposti mill-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq.

51 Fil-fatt, kif tispeċifika l-Gerechtshof Amsterdam, il-kategorija "ikel u xorb" tirrigwarda kemm l-oġġetti tal-ikel kif ukoll il-prodotti u s-servizzi użati fit-tħejjija u fil-preparazzjoni tagħhom. Il-kategorija l-oħra tal-ispejjeż, jiġifieri dik marbuta mat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' akkomodazzjoni, tinkludi, kif tindika l-imsemmija qorti, it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dar favur membri tal-persunal tal-imprenditur kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-użu tas-servizzi ta' aġenzija jew ta' sensar bil-ħsieb li titqiegħed dar għad-dispożizzjoni.

52 Fir-rigward tal-kategoriji bħal dawk marbuta mal-"possibbiltà li jieħu sehem fl-attivitajiet sportivi jew ta' rikreazzjoni" kif ukoll dawk li jirrigwardaw "rigali ta' negozju" jew "rigali oħra", għandhom jitqiesu wkoll li huma suffiċjentement iddefiniti fid-dawl tar-rekwiżiti imposti mill-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq.

53 Fil-fatt, il-kategorija "rigali ta' negozju" hija speċifikata fl-Artikolu 1(2) tad-digriet tal-VAT u li skont dan "rigali ta' negozju" jew "rigali oħra" għandhom ifissru l-provvisti pprovduti mill-imprenditur "fil-kuntest tar-relazzjonijiet ta' kummerċ tiegħu jew bħala rigal lill-oħrajn".

54 Bl-istess mod, il-kategorija "offerta ta' attività ta' rikreazzjoni għall-persunal tal-imprenditur" hija limitata għal ċerti oġġetti u servizzi. Fil-fatt, fid-dawl tal-azzjonijiet normali li l-impriżi jieħdu fir-rigward tal-miżuri tagħhom sabiex jimmotivaw il-persunal, dawn l-oġġetti u s-servizzi jistgħu jiġu identifikati.

55 Din l-interpretazzjoni hija msaħħa mit-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva li tipprovdi li, fi kwalunkwe każ, fil-kuntest ta' azzjoni leġiżlattiva tal-Kunsill f'dan il-qasam, id-dritt għat-tnaqqis tal-ispejjeż li mhux strettament nefqa tan-negozju, bħal dik fuq il-lussu, id-divertiment jew ir-rappreżentanza huwa eskluż.

56 Għaldaqstant, il-kategoriji kollha tal-ispejjeż eżaminati iktar 'il fuq għandhom jitqiesu li huma konformi mas-sistema derogatorja stabbilita mill-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva.

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda magħmula f'kull waħda miż-żewġ kawżi għandha tkun li l-Artikolu 11(4) tat-Tieni Direttiva u l-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru li teskludi t-tnaqqis tal-VAT marbut mal-kategoriji tal-ispejjeż li jirrigwardaw, minn naħa, il-provvista ta' "mezz ta' trasport individwali", ta' "ikel", ta' "xorb", ta' "akkomodazzjoni", kif ukoll "offerta ta' attività ta' rikreazzjoni" lill-membri tal-persunal tal-persuna taxxabbli, u min-naħa l-oħra, il-provista ta' "rigali ta' negozju" jew "rigali oħra".

*Fuq it-tieni domanda magħmula f'kull waħda miż-żewġ kawżi*

58 Peress li l-ewwel domanda f'kull waħda miż-żewġ kawżi twieġbet fl-affermattiv, għandu jiġi eżaminat, b'mod identiku għaż-żewġ kawżi, jekk l-Artikoli 6(2) u 17(2) u (6) tas-Sitt Direttiva jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li ġiet adottata qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva u li tistabbilixxi li persuna taxxabbli tista' tnaqqas, mhux kompletament imma biss proporzjonalment, il-VAT imħallsa meta oġġetti jew servizzi li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji inkwistjoni fil-kawża prinċipali jiġu akkwistati u użati parzjalment għal skopijiet privati u parzjalment għal skopijiet professjonali.

59 Sabiex din id-domanda tingħata risposta, għandu jiġi osservat li, għalkemm, fid-dawl tal-firxa tal-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva, huma għandhom is-setgħa li jżommu l-esklużjonijiet kollha tad-dritt għat-tnaqqis li jirrigwarda kategoriji ta' spejjeż suffiċjentement preċiżi, l-Istati Membri jistgħu legalment ukoll jistabbilixxu limitazzjoni għall-portata tal-esklużjoni tad-dritt għat-tnaqqis fir-rigward ta' kategoriji ta' spejjeż bħal dawn.

60 Fil-fatt, leġiżlazzjoni bħal din hija konformi mal-għan imfittex mis-Sitt Direttiva u dan huwa rifless b'mod partikolari fl-Artikolu 17(2) tagħha.

61 Għalhekk, ir-risposta għat-tieni domanda magħmula f'kull waħda miż-żewġ kawżi għandha tkun li l-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li ġiet adottata qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva u li tistabbilixxi li persuna taxxabbli tista' tnaqqas, mhux kompletament imma proporzjonalment, il-VAT imħallsa meta oġġetti jew servizzi li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji inkwistjoni jiġu akkwistati u użati parzjalment għal skopijiet privati u parzjalment għal skopijiet professjonali.

*Fuq it-tielet domanda magħmula fil-Kawża C-33/09*

62 Peress li l-ewwel domanda mqajma fil-Kawża C-33/09 twieġbet, fir-rigward tal-kategorija ta' oġġetti u servizzi marbuta mal-"provvista ta' ikel u ta' xorb", fl-affermattiv, hemm lok li tiġi eżaminata t-tielet domanda preliminari magħmula f'din il-kawża.

63 Permezz ta' din l-aħħar domanda, il-Gerechtshof Amsterdam tistaqsi jekk l-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva jipprekludix lil Stat Membru, wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmija direttiva, milli jintroduċi emenda, fir-rigward tal-esklużjoni tad-dritt għat-tnaqqis, li hija intiża, bħala regola, li tirrestrinġilha l-portata, iżda li ma jistax jiġi eskluż, f'każ individwali, u għal sena finanzjarja partikolari, li twessgħalha l-portata minħabba n-natura fissa tas-sistema emendata.

64 Sabiex din id-domanda tingħata risposta, għandu jiġi preliminarjament irrilevat li hija tirrigwarda biss is-sitwazzjoni partikolari tal-esklużjoni parzjali tad-dritt għat-tnaqqis tal-kategorija tal-ispejjeż marbuta mal-"provvista ta' ikel u ta' xorb [lill-persunal tal-imprenditur]", koperta mill-Artikolu 1(1)(c) tad-digriet tal-VAT.

65 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-digriet tal-VAT ġie emendat fir-rigward ta' din il-kategorija ta' spejjeż, wara d-dħul fis-seħħ tas-Sitt Direttiva.

66 Kif indikat il-Gerechtshof Amsterdam, il-konsegwenza ta' din l-emenda leġiżlattiva kienet li naqset il-portata tal-esklużjoni tad-dritt għat-tnaqqis għall-imsemmija kategorija tal-ispejjeż.

67 Fir-rigward tal-konformità tat-tali emenda leġiżlattiva mal-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sa fejn Stat Membru jemenda, billi jnaqqas il-kamp tal-esklużjonijiet eżistenti wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, u b'hekk iressaq, permezz tagħha, il-leġiżlazzjoni tiegħu lejn l-għan ta' din id-direttiva, hemm lok li jiġi kkunsidrat li din il-leġiżlazzjoni hija koperta mid-deroga prevista fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(6) ta' din id-direttiva u ma tiksirx l-Artikolu 17(2) ta' din tal-aħħar (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Franza, punt 22; Metropol u Stadler, punt 45, kif ukoll Danfoss u AstraZeneca, punt 32).

68 Fir-rigwarda tal-possibbiltà evokata mill-Gerechtshof Amsterdam, liema possibbiltà iżda ġiet ikkonstatata li ma hijiex rilevanti għal-kawża prinċipali, li, f'każ eċċezzjonali, is-sistema emendata, permezz tal-esklużjoni parzjali tad-dritt għat-tnaqqis li hija ta'

natura fissa u li ġiet stabbilita wara d-dħul fis-seħħ tas-Sitt Direttiva, tista' twassal għal riżultat iktar sfavorevoli minn dak eżistenti taħt is-sistema preċedenti, hemm lok li jiġi kkonstatat li dan il-fatt ma jqiegħedx inkwistjoni l-prinċipju ta' interpretazzjoni stabbilit mill-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq.

69 Fil-fatt, kif il-Gerechtshof Amsterdam ppreċiżat, sitwazzjoni bħal din tista' sseħħ biss fil-każ fejn il-persuna taxxabbli toffri ikel u xorb lill-membri tal-persunal tagħha, mingħajr ma tikkontribwixxi la għall-preparazzjoni tiegħu u lanqas għall-konsum tiegħu, filwaqt li teċċedi ċertu limitu stabbilit għal kull membru tal-persunal matul l-istess sena finanzjarja.

70 Issa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 86 tal-konklużjonijiet tiegħu, is-sempliċi possibbiltà li t-tali effett sfavorevoli jista' jseħħ ma jistax iwassal sabiex din l-emenda leġiżlattiva, li saret wara d-dħul fis-seħħ tas-Sitt Direttiva, titqies li tmur kontra l-Artikolu 17(6) tal-imsemmija direttiva, meta din l-emenda hija, b'mod ġenerali, favorevoli għall-persuni taxxabbli meta mqabbla mas-sistema li kien hemm qabel. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-eżistenza, anki jekk stabbilita, ta' każ bħal dan iżolat jew eċċezzjonali ma taffettwax il-prinċipju li l-emenda għall-leġiżlazzjoni nazzjonali adottata wara d-dħul fis-seħħ tas-Sitt Direttiva naqqset il-kamp tal-esklużjonijiet tad-dritt għat-tnaqqis li kienu jeżistu qabel.

71 Għaldaqstant, l-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix lil Stat Membru, wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, milli jintroduċi emenda, fir-rigward tal-esklużjoni tad-dritt għat-tnaqqis, li hija intiża, bħala regola, li tirrestrinġilha l-portata, iżda li ma jistax jiġi eskluż, f'każ individwali u għal sena

finanzjarja partikolari, li twessgħalha l-portata minħabba n-natura fissa tas-sistema emendata.

**Fuq l-ispejjeż**

72 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qrati tar-rinviju, huma dawn il-qrati li jiddeċiedu fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja, (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 11(4) tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Struttura u modalitajiet għall-applikazzjoni ta' sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, u l-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru li teskludi t-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud marbut mal-kategoriji tal-ispejjeż li jirrigwardaw, minn naħa, il-provvista ta' "mezz ta' trasport individwali", ta' "ikel", ta' "xorb", ta' "akkomodazzjoni", kif ukoll "offerta ta' attività ta' rikreazzjoni" lill-membri tal-persunal tal-persuna taxxabbli, u min-naħa l-oħra, il-provista ta' "rigali ta' negozju" jew "rigali oħra".**

**2) L-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva 77/388 għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li ġiet adottata qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva u li tistabbilixxi li persuna taxxabbli tista' tnaqqas, mhux kompletament imma proporzjonalment, il-VAT imħallsa meta oġġetti jew servizzi li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji inkwistjoni jiġu akkwistati u użati parzjalment għal skopijiet privati u parzjalment għal skopijiet professjonali.**

**3) L-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva 77/388 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix lil Stat Membru, wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, milli jintroduċi emenda, fir-rigward tal-esklużjoni tad-dritt għat-tnaqqis, li hija intiża, bħala regola, li tirrestrinġilha l-portata, iżda li ma jistax jiġi eskluż, f'każ individwali u għal sena finanzjarja partikolari, li twessgħalha l-portata minħabba n-natura fissa tas-sistema emendata.**

Firem